– KONSENJA TA' UNIFORMIJIET "MADE TO MEASURE" –
– TALBA GHALL-HLAS GHAS-SERVIZZ MOGHTI –
– KORREZZJONI *EX OFFICIO* SKOND L-ART. 175 TAL-KAP. 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– PRESKRIZZJONI SKOND L-ART. 2148(A) TAL-KODIVI CIVILI –
– ART. 2160 TAL-KODICI CIVILI: ONERU FUQ IL-PARTI KONVENUTA –
– UNIFORMIJIET KONSENJATI TARDIVAMENT U MHUX SKOND IS-SENGHA U L-ARTI –
– ADEMPIMENT U INADEMPIMENT –
– NUQQASIJIET TAZ-ZEWG PARTIJIET –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **521/2018**

**BTI UNIFORMS LIMITED**
[C-15035]

***VERSUS***

**WASTESERV MALTA LIMITED**[1]
[C-305660]

B'Avviz tat-Talba introdott fit-2 ta' Novembru, 2018, is-socjetà attrici, apparti l-ispejjez tal-prezenti proceduri u l-imghaxijiet, talbet li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett elef, erbgha mija u wiehed u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,421.76c) u dan wara li ppremettiet hekk:

> Illi s-socjeta' attrici BTI Uniforms Ltd (C-15035) bieghet u kkonsenjat lis-socjeta intimata Wasteserv Malta Limited (C-305660) uniformijiet fuq medda ta' snin;
>
> Illi s-socjeta intimata naqset milli thallas l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,421.76) dovut lis-socjeta rikorrenti in konnessjoni ma' dan l-istess bejgh;
>
> Illi s-socjeta intimata giet interpellata diversi taghmel dan imma baqghet inadempjenti;

[11] L-isem tal-kumpannija mharrka fl-okkju tal-procediment gie korrett mit-Tribunal *marte proprio* ghar-ragunijiet imfissra aktar tard f'din is-sentenza.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu;

1. Jiddikjara li s-socjeta intimata debitrici fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,421.76), konsistenti fil-bilanc pendenti dovut fil-bejgh u konsinja ta' uniformijiet lis-socjeta intimata;

2. Jikkundanna lis-socjeta intimata thallas l-ammont tas-somma hekk likwidata.

Is-socjetà konvenuta ressqet Risposta fit-18 ta' Dicembru, 2018 (*a fol*. 14) fejn eccepiet dan:

Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-uniformijiet ma gewx ikkonsenjati skond l-arti u s-sengha.

Illi di piu' l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress illi l-konsenja ma saritx fiz-zmien stipulat fil-kuntratt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru, 2019 (*a fol*. 79) u fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2020 (*a fol*. 81) – wara li d-difensuri tal-kontendenti trattaw il-kaz – il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni, illi qed tigi moghtija illum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

Ghal dak li jirrigward l-aspetti fattwali tal-kontiza, dawn jistghu jigu deskritti hekk: fit-2 ta' Frar, 2016 il-partijiet iffirmaw skrittura privata permezz ta' liema is-socjetà attrici obbligat ruhha li thit u tikkonsenja lis-socjetà konvenuta numru ta' uniformijiet maghmula "made to measure" ghall-impjegati specifikati mill-konvenuta, skont il-kuluri u d-dizinni maghzul mill-istess socjetà konvenuta, liema uniformijiet kellhom jigu konsenjati entro sitt gimghat wara li l-attrici tkun irceviet istruzzjonijiet appoziti mill-konvenuta ghal tali ghan.[2] Tali ftehim kien rizultat ta' ooerta li l-attrici kienet ssottomettiet lill-konvenuta[3] wara li fl-14 ta' Gunju, 2015 kienet harget sejha ghall-offerti, u s-sejha tas-socjetà attrici kienet giet

[2] *vide* 'Dok MC1' (a *fol.* 20 *et seqq.*).
[3] *vide* l-formola tal-*Quotation Request* sottomessa mis-socjeta attrici (a *fol.* 23).

ikkonsidrata bhala l-aktar wahda vantaggjuza.[4] Dawn l-uniformijiet gew effettivament ikkonsenjati mill-attrici lill-konvenuta fl-10 ta' Mejju, 2016,[5] izda s-socjetà attrici baqghat ma rcevitx pagament ghalihom, peress illi s-socjetà konvenuta sostniet illi apparti l-fatt li l-uniformijiet gew konsenjati tardivament, l-istess uniformijiet ma kienux gew maghmula skond l-arti u s-sengha l'ghaliex il-qisien taghhom ma kienux tajbin ghall-impjegati li ghalihom kienu gew maghmula u mehjuta.[6]

Dawk huma, in breve, il-fatti u d-divergenzi sottomessi ghall-iskrutinju ta' dan it-Tribunal.

Izda qabel ma jsehhu kunsiderazzjonijiet in relazzjoni ma' din il-vertenza, hemm aspett procedurali li jehtieg jigi indirizzat u radrizzat.

It-Tribunal jinnota li isem is-socjetà konvenuta fl-okkju ta' dawn il-proceduri, hekk kif imnizzel fl-Avviz tat-Talba (li huwa l-att gudizzjarju li jwelled u jaghti lok ghall-procediment), jaqra "Waste**r**serv Malta Limited". L-isem korrett ta' din is-socjetà ghandu jkun "Wasteserv Malta Limited". Infatti, fir-Risposta ta' l-istess socjetà isimha huwa mnizzel korrett u anke l-verbali tal-kawza jidhru bl-isem gust u korrett.

Hadd mill-partijiet, formalment, ma talab korrezzjoni f'dan is-sens matul il-procediment u jidher apparenti li z-zieda ta' l-ittra «r» f'nofs isem il-konvenuta kienet semplici zvista.[7] Tali error innocent jista' jigi awtomatikament rettifikat u sanat minn dan it-Tribunal *ex offcio* u dan in virtù tat-tielet sub-inciz ta' l-Art. 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jaqra hekk: "*Il-qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju*."[8]

---

4 *vide* l-affidavit ta' Alan Busuttil (a *fol.* 30).
5 *vide* d-*Delivery Note* (a *fol.* 7) u x-xhieda ta' Martin Casha, moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2019 (a *tergo* ta' *fol.* 17).
6 *vide* x-xhieda ta' Martin Casha, moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019 (a *foll.* 57–59).
7 Issir referenza ghas-sentenzi, fost ohrajn, *in re* **Il-Pulizija v. Josephine Grixti** (Appell Kriminali Inferjuri, 25 ta' Jannar, 2007); **Il-Pulizija v. Kingsley Wilcox** (Appell Kriminali Inferjuri, 27 ta' Settembru, 2007); **Il-Pulizija v. Mario Zammit** (Appell Kriminali Inferjuri, 31 ta' Lulju, 2008); **Il-Pulizija v. Raymond Sammut** (Appell Kriminali Inferjuri, 15 ta' Jannar, 2009); u **The Police v. Mohamed Hussein Abdi** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Dicembru, 2017) li lkoll jikkontemplaw l-aspett ta' "*lapsus calami*" u/jew "*lapsus computetri*" meta jsehh zball ta' kitba jew ta' *typing* (dattilografu) f'atti gudizzjarji.
8 Ghall-applikabilità ta' l-Art. 175 fi procedimenti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar wiehed hu mistieden jara l-provvediment (digriet) moghti fil-11 ta' Lulju, 2019 minn dan it-Tribunal kif presjedut *in re* **Ivan Vella v. Joseph Pitre et** (ref. nru. 549/2018) u kif ukoll il-provvediment (digriet) moghti fil-5 ta' Awwissu, 2019 minn dan it-Tribunal kif presjedut *in re* **Citadel Insurance plc v. Transport Malta** (ref. nru. 95/2019).

Ghalhekk, it-Tribunal jinsab *ex ufficio* jordna l-korrezzjoni ta' l-atti ta' din il-kawza u kif ukoll tal-okkju relattiv u dan sabiex kull referenza ghal «Wasterserv Malta Limited» ghandha tigi sostitwita b'referenza ghas-socjetà «Wasteserv Malta Limited». Tali korrezzjoni ghandha tapplika kull fejn mehtieg fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Indirizzat dan l-aspett, wiehed issa jdawwar harstu lejn il-vertenza u l-ewwel u qabel kollox wiehed ghandu jqis il-materja ta' preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuta. Dan qed jigi puntwalizzat peress skond l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, nonostanti li, "*it-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità*", hu previst b'mod espress illi, "*f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi.*" Issa, skond l-Art. 730 tal-Kodici ta' Procedura Civili, "*L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*." Ghalhekk, huwa doveruz illi *in primis* it-Tribunal jinvesti fl-eccepita eccezzjoni tal-preskrizzjoni fl-ewwel parti (kap) tal-prezenti sentenza. Sussegwentement – u naturalment dejjem dipendenti mill-ezitu tal-kunsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggunta dwar tali materja – wiehed imbaghad idawwar l-attenzjoni lejn il-mertu tal-kwistjoni.

Is-socjetà kovenuta tikkontendi li l-istanza attrici hi milquta minn dak it-terminu preskrittiv kontemplat fil-paragrafu (a) ta' l-Art. 2148 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid illi, "l-*azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu*" jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax (18)-il xahar.

F'dan l-istadju tal-procediment, dan it-Tribunal hu kjamat, bi dmir, jezamina u jiggudika jekk l-isemmi artikolu japplikax ghan-negozju odjern bejn il-litigandi u sussegwentement – stabbilit dan l-ewwel punt u dipendenti minnu – jekk l-attur intavolatx il-kawza fi zmien utili o meno u jekk kienx hemm xi fattur sospensiv jew interruttiv ta' tali zmien. Hawn isir accenn ghal dak li ntqal *in re* **Vincent Buttigieg v. Qala St. Joseph Football Club** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 14 ta' Dicembru, 2007) u cioè illi, "*il-konvenut li jecepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jghazel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizjorju*." Ghalhekk, sta ghall-

konvenut li jipprova li l-preskrizzjoni minnu sollevata – sabiex jinnewtralizza l-azzjoni promossa kontrih – hi effettivament dik applikabbli ghall-kaz *de quo*. Fi kliem iehor, u fil-konkret ghall-kaz in dizamina, l-oneru probatorju dwar l-applikabbilita ta' l-Art. 2148(a) tal-Kodici Civili ghan-negozju konkluz bejn il-partijiet jirrisjedi esklusivament fuq il-parti mharrka. Huwa l-konvenut li jrid jissodisfa dan l-oneru sabiex jiskarika l-istess minn fuqu u, *ergo*, "jirbah" l-eccezzjoni minnu mqanqla u dan ghax f'certi kazijiet il-konvenut, bl-eccezzjoni tieghu stess, jirrivesti l-libsa ta' 'attur' in forza tal-principju "reus excipiendo fit actor" bl-obbligu li jipprova dak li jkun eccepixxa.[9]

Apparti dan, illum-il gurnata l-konvenut irid jissodisfa ingredjent iehor meta jeccepixxi certu preskrizzjonijiet partikolari, ossia hemm rekwizit iehor li jrid jigi debitament (u ritwalment) skarikat mill-istess konvenut. Dan ir-rekwizit jinsab previst fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili li jghid hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, <u>ma jagħtux ġurament minn jeddhom</u> waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*." Tali disposizzjoni giet emendata permezz ta' l-Att I ta' l-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017 u l-emenda relattiva hi krucjali. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilità fejn l-attur jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut. Infatti, qabel, l-istess disposizzjoni kienet tghid li, "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, <u>meta jinghata lilhom il-gurament</u>, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa*". Bl-emenda li saret bl-Att I ta' l-2017 il-legislatur nehha l-*onus* minn fuq il-parti attrici u impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament *di sua sponte*.[10] Fin-nuqqas li jaghmel hekk, il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet il-qosra msemmija fl-Art. 2160(1). Ghalhekk, qabel kien l-attur li kellu jsejjah lill-konvenut u lilu jiddifferilu l-gurament decizjorju, filwaqt li fil-prezent l-oneru jinsab fuq il-parti konvenuta li bil-gurament taghha tistqarr li mhux debitur jew li m'ghandux rikollezzjoni tal-hlas.[11]

---

[9] F'dan is-sens, fost diversi u bosta, ara *in re* **John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe (Qorti tal-Magistrati** [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 23 ta' Mejju, 2008).

[10] Kif ritenut sa zmien recenti *in re* **Direttur tar-Registru Pubbliku v. HSBC Bank Malta plc** (Appell Superjuri, 27 ta' Settembru, 2019), «*Kif inhi l-liġi llum, wara dawk l-emendi, il-ġurament jittieħed "minn jeddhom" minn min iressaq l-eċċezzjoni waqt li, kif kienet fiż-żmien relevanti, il-liġi kienet tghid illi hija l-parti li kontra tagħha titressaq l-eċezzjoni li setgħet tfittex li twaqqa' l-eċċezzjoni billi tagħti l-ġurament lill-parti l-oħra*.»

[11] F'dan is-sens ara *in re* **Bottega del Marmista Ltd v. Paul Mifsud et** (Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2018) u ddecizjoni *in re* **Automated Revenue Management Limited pro et noe v. Topcar Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 17 ta' Jannar, 2018) li fiha inghad hekk: "*Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament [...] tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-*

Debitament skarikati dawn l-oneri, kollox jerga' joxxilla fuq l-attur sabiex dan, da parti tieghu, jipprova jew li t-terminu preskrittiv mhux applikabbli jew li l-istess gie sospiz, jew li dan gie interrott jew alternattivament li d-debitur b'xi fatt, espress jew tacitu, ammetta l-kreditu.

F'dan l-istadju, ghalhekk, qabel ma t-Tribunal jintrattjeni studju biex jara jekk il-preskrizzjoni skond l-Art. 2148(a) tal-Kodici Civili tistax tigi akkolta jew le, wiehed irid necessarjament jara jekk f'dan il-kaz il-konvenut mexiex konformement ma' dak specifikat fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili, ossia jekk waqt dawn il-proceduri, minn rajh u bil-gurament, il-konvenut stqarrx li m'huwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.

Mix-xhieda ta' Martin Casha, *Head of Procurement* tas-socjetà konvenuta, ma jirrizultax illi huwa cahad li l-istess konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici jew li ma jiftakarx jekk l-ammont li qieghed jigi reklamat thallasx. Meta gie prodott biex jixhed waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2019 huwa sempliciment sostna li s-socjetà konvenuta kienet ordnat minghand dik attrici numru ta' uniformijiet u li dawn kienu gew konsenjati fl-10 ta' Mejju, 2016 (*a foll.* 17–18) u li kienet irceviet interpellazzjoni ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali f'Ottubru 2018 (*a fol.* 18), filwaqt illi fix-xhieda moghtija minnu fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019 huwa ddeskriva kif l-uniformijiet forniti mill-attrici ma kienux accettabli ghal dik konvenuta peress illi, allegatament, kellhom numru ta' difetti (*a foll.* 57–58).

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal din ix-xhieda m'hijiex bizzejjed sabiex jigi sodisfatt l-oneru impost mill-imsemmi Art. 2160(1). Dan ikkonsidrat illi x-xhud ikkonferma illi l-merkanzija ordnata kienet giet konsenjata mis-socjetà attrici u accettata mis-socjetà konvenuta u, kif ukoll, li qatt ma giet imhallsa minhabba ragunijiet dwar il-kwalità tal-prodott konsenjat. Ghalhekk, implicitament, il-kreditu vantat mill-attrici effettivament jezisti, independentement mill-fatt jekk ghandux jigi mhallas jew imqar ridott minhabba kwistjonijiet ta' kwalità. Minn dan, per konsegwenza, isegwi illi l-konvenuta ma tistax tavalla ruhha mill-preskrizzjoni eccepita minnha skond l-Art. 2148(a) tal-Kodici Civili purament ghax dak previst bhala kundizzjoni *sine qua non* taht l-Art. 2160(1) ta' l-istess Kodici ma giex skrupolozament imhares.

---

*perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deciżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deciżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah.*"

Skartata u deciza tali materja preliminari, it-Tribunal issa jdawwar harstu lejn il-mertu tal-kontiza.

Kif intqal aktar qabel, l-attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ghal numru ta' uniformijiet minnha maghmula u forniti lill-konvenuta skond it-termini tal-ftehim konkluz bejniethom tat-2 ta' Frar, 2016 (*a fol.* 32). Il-konvenuta min-naha taghha ma ticchadx illi l-uniformijiet ordnati minnha gew kollha konsenjati, izda tikkontendi li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-uniformijiet forniti lilha ma kienux skond l-arti u s-sengha, u ghaliex kienu gew forniti tard.

It-Tribunal josserva illi bl-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kwalità fil-merkanzija fornita u l-konsenja tardiva moghtija mill-konvenuta, l-oneru probatorju jaqa' fuq l-istess konvenuta li tressaq provi sodisfacjenti ta' dawn l-eccezzjonijiet taghha, u dan fid-dawl tar-regola "reus in excipiendo fit actor"[12] li mbaghad trid tigi mhaddma fid-dawl tan-norma ritwali artikolata taht l-Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jghid illi, "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*."

In aggunta ma' dan, it-Tribunal jirrileva illi ghalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal mhux marbut bir-regola dwar l-ahjar prova [kif kontemplat taht l-Art. 9(2)(b) Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta] – u ghalhekk jista' jitgharraf b'kull mod li jidhirlu xieraq dwar il-mertu tal-kawza – madanakollu dan ma jiddispensax lill-parti interessata milli tadduci provi idoneji in sostenn tat-tezi taghha (*vide* **Emanuel Borg et v. Anna Clews et**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009). Fil-kawza *in re* **George Muscat noe v. Anton Zammit et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Frar, 2017) gie osservat li, "*Statements generici m'humiex provi sufficjenti, u l-ekwità ma tistax taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' provi*." Sa zmien pjuttost ricenti, id-decizjoni *in re* **Middlesea Insurance plc v. Waldorf Auto Services Co Ltd** et (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017) ittenni tghid illi, "*għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi quddiemu prinċipalment abbażi tal-ekwità, ovvjament il-kawżi quddiemu xorta għandhom jiġu deċiżi a bażi tal-provi li kull parti tkun ressqet*." L-istess identiku kliem hu misjub fid-decizjoni *in re* **A.I.M. Enterprises Limited v. U.C.I.M. Co Ltd et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017).

---

[12] 1 "*L'espressione indica che, in ordine alle eccezioni, il convenuto assume la posizione di attore. Ciò vuol dire che il convenuto il quale sollevi un'eccezione, ha l'onere di provare i fatti posti a fondamento dell'eccezione stessa*" (*cfr*. **Federico Del Giudice**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "*reus in excipiendo fit actor*", p. 287). Ara wkoll **Umberto Albanese**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; vuci: "*reus in excepione actor est*", p. 347). Mix-xena domestika, fost numerevoli decizjonijiet, ara dik *in re* **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** (Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007) sostniet hekk: "*ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib ilprova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')*."

Kif diversi drabi ritenut f'xi sentenzi ta' dan it-Tribunal, m'ghandux ikun skontat il-hsieb li «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikoxxi tali posizzjoni b'mod awtomatiku. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm diversa minn dik rejali. Dan m'hu xejn gdid izda hu kuncett antikissimu, hekk kif rifless fil-massima ta' "*quod non est in actis, non est in mundo*."[13] Allura hi mehtiega certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur u/jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw u jigu sinkronizzati. Dan isehh permezz tal-provi li jitressqu f'litigju u dan ghax huma l-provi li jfasslu kawza u jaghtuha l-fattezzi pekuljari u specjali taghha.[14]

[13] Aggiuntivament, fid-decizjoni in re **Audrey Murphy et v. Mark Anthony Murphy** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet*."

[14] Insibu ritenut illi hemm tlett aspetti (jew ilwieni) tal-funzjoni ta' «prova» u cioè, "*prima di tutto ha il significato di designare ciò che serve per confermare un'ipotesi sul fatto* [...] *In un secondo significato, «prova» indica il risultato che si consegue una volta che la prova sia stata assunta e che il giudice ne abbia valutato i risultati in sede di decizione* [...] *In un terzo significato «provare» si ricollega a tutte le varie attività che, nel corso del processo, le parti e il giudice pongono in essere per giungere all'acquisizione delle prove. La prova, cioè, è un «procedimento», in quanto essa si forma e viene ad esistenza attraverso un complesso organizzato, e il piú delle volte regolato dalla legge, di attività svolte da diversi soggetti*." (**Giorgio Bianchi**, "La Prova Civile", CEDAM 2009; pp. 3–4). Skond awturi ohra, il-provi jistghu jkunu ta' zewg tipologiji generali, ossia dawk imsejjha «precostituite» u dawk largament denominati «costituende». Ta' l-ewwel huma dawk il-provi l-ezistenza ta' liema hi antecedenti ghall-process gudizzjarju (*per ez.* provi dokumentali), mentri dawk ta' l-ahhar jitwieldu, jevolvu jew isehhu fil-kors tal-procediment gudizzjarju (*per ez.* provi orali). Dwar hekk id-duttrina tghallem hekk: "*Prove precostituite sono quelle che si formano fuori e, di solito, prima del processo, nel quale entrano attraverso un semplice atto di esebizione o di produzione. Tipiche prove precostiuite sono i documenti o prove documentali, che si formano, appunto, fuori del processo e che nel processo entrano con la loro produzione, ossia con la loro semplice inclusione (debitamente menzionata nell'atto di citazione o in un comparsa o nel processo verbale d'udienza) nel fascicolo di parte al momento della costituzione o anche in seguito* [...] *I documenti sono già per se stessi, dotati dell'attitudine a produrre efficacia probatoria, sicché, a produzione avvenuta, al guidice non rimane da svolgere altra attività, rispetto ad essi, se non quella del loro apprezzamento, o valutazione ossie un'attività che già concerne la fase di decisione e non più quella istruzione. Sotto questo profilo, sono documenti – o, più in generale, prove precostituite – non soltanto le scritture, pubbliche o private, ma anche diverse rappresentazione di fatti (ad es. fotografie e disegni) o semplicimente cose idonee, col concorrere di certe circostanze, a fondare o a rafforzare il convincimento sulla verità de fatti (si pensi alla fotografia di impronte o ad un oggetto personali rinvenut in un certo luogo). Prove costituende sono, invece, quei mezzi di prova che si formano soltanto nel processo, come risultato di attività istruttoria in senso stretto, sicché prima del processo possono essere soltanto prospettate come possibili, immaginante o preventivate. Tipico esempio di prove costituende sono le prove orali (così dette con un'espressione che palesemente si contrappone a quella di prove scritte o documentali), articolate a loro volta in prove testimoniali, confessione, giuramento*." (*cfr.* **Cristiano Mandrioli** u **Antonio Caratta**, "Diritto Processuale Civile", G. Giappuchelli, 26ª ed., 2017; Vol. II, §33, pp. 172–173).

Huma l-istess provi li jwasslu ghas-success ta' min iressaq istanza quddiem il-qrati (attur) jew ghall-akkoljiment tal-linja difensjonali ta' min jiddefendi ruhu ghaliha (konvenut). Huma l-provi l-qalb ta' kull kontradittorju[15] u huma l-istess provi li jaghtu direzzjoni partikolari lill-ezitu jew l-izvolta tal-procediment. Jekk il-Ligi hi s-sinsla u l-procediment huwa l-iskeletru, il-provi (ossia, l-evidenza) huma l-muskolatura u n-nervituri li jintergraw kollox flimkien. F'dan ir-rigward, u sabiex ma jsehhx dilungar, it-Tribunal jirreferi ghall-osservazzjonijiet tieghu in materja fid-decizjoni *in re* **Anthony Grech v. Joseph Spiteri** (ref. nru. 163/2017) li qed tinghata llum stess.

In sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha, il-konvenuta produciet lil Martin Casha sabiex jispjega kif l-uniformijiet konsenjata mill-attrici ma kienux ta' kwalita tajba ghaliex il-qisien ta' hafna mill-uniformijiet ma' kienux tajbin. Huwa xehed li ai termini tal-ftehim tat-2 ta' Frar 2016 is-socjetà attrici kellha tiehu l-qisien tal-impjegati tas-socjetà konvenuta (li kellhom bzonn l-uniformijiet ordnati minnha) u tipproduci dawn l-uniformijiet skond il-qisien mehuda u bil-kulur u fl-istil maghzula mill-konvenuta, imbaghad tikkonsenjahom (konsenja sehhet fl-10 ta' Mejju 2016).[16] Casha, xehed ukoll illi hafna minn dawn l-uniformijiet ma kinux tal-qies tajjeb – uhud kienu kbar, mentri uhud kienu zghar u addirittura uhud kienu twal wisq. Ghalhekk, dawn l-uniformijiet kienu ntbghatu lura, izda s-socjetà attrici m'accettathomx u li peress li l-impjegati li ghalihom kienu ntizi kellhom jibdew ix-xoghol taghhom, il-konvenuta kienet kostretta li tordna uniformijiet ohra minghand haddiehor (*a fol.* 57). Huwa xehed in kontro-ezami li kienu accetaw il-konsenja ta' l-uniformijiet minkejja li kienu inataw tard ghaliex kellhom bzonnhom urgentement (*a fol.* 59). Waqt id-deposizzjoni tieghu ix-xhud prezenta *set* ta' ritratti li juri impjegati liebsin l-uniformijiet konsenjati, li *de visu* huma evidentement ta' qies zbaljat (a *foll.* 60–78).

Minn naha taghha l-attrici prezentat affidavit ta' Alan Busuttil, flimkien ma' numru ta' dokumenti li jinkludu kopja tal-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet (ara *fol.* 30 *et seqq.)*. F'dan l-affidavit Busuttil jghid illi l-konvenuta kienet ikkontestat il-merkanzija supplita lilha aktar minn sitt simghat wara li kienet ircevieta, u li filwaqt li s-socjetà attrici kienet cahdet l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenuta dwar il-qisien ta' l-uniformijiet, kienet informatha illi jekk hemm xi uniformijiet b'qisien mhux korretti jew tajbin ghall-impjegat li ghalih/a kienu ntizi, dawn l-impjegati kellhom jintbghatu l-fabbrika tas-socjetà attrici sabiex isiru l-alterazzjonijiet

[15] L-awtur **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p. 344) jikteb illi, "*il contraddittorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*."
[16] *a foll.* 17–19.

necessarji (*a fol.* 30). Skond l-istess xhud, l-ebda impjegat tal-konvenuta ma mar il-fabbrika ghal alterazzjonijiet ta' l-uniformi, u l-ebda uniformi ma qatt giet ritornata lura (*a foll.* 30–31). It-Tribunal jinnota illi dan ix-xhud ma giex kontro-ezaminat mis-socjetà konvenuta.

Flimkien ma' dan l-affidavit giet ezibita ittra datata 17 ta' Gunju, 2016 (*a fol.* 50) mibghuta mill-konvenuta lill-attrici fejn dik ta' l-ewwel informat lil din ta' l-ahhar li minhabba d-dewmien fil-konsenja ta' l-uniformijiet u minhabba l-fatt li dawn kienu f'qisien wisq kbar ghall-impjegati taghha, hija kienet qed tinkancella l-kuntratt ta' bejn il-partijiet u tippretendi l-hlas ta' €471.19c rapprezentanti penali ai termini tal-istess kuntratt.

Giet esebita wkoll l-ittra datata 1 ta' Lulju, 2016 (*a fol.* 51) mibghuta mill-attrici in replika ghal dik appena msemmija *supra*, permezz ta' liema l-attrici, filwaqt li cahdet l-allegazzjonijiet tal-konvenuta u esprimiet is-sorpriza taghha ghall-fatt illi din l-ittra kienet intbghatet hamsin gurnata wara laqgha li kienet sehhet bejn il-partijiet fil-11 ta' Mejju 2016, informat lis-socjetà konvenuta illi l-impjegati li kellhom uniformi li ma kienetx tigihom kellhom izuru l-fabbrika ta' l-attrici biex isiru l-alterazzjonijiet mehtiega. Din l-ittra – li s-socjetà konvenuta qatt ma cahdet li rceviet – tikkorrobora x-xhieda ta' Alan Busuttil li l-attrici kienet effettivament offriet li taghmel l-alterazzjonijiet mehtiega u tinnewtralizza l-allegazzjoni ta' Martin Casha.

Fir-rigward tad-dewmien fil-konsenja ta' l-uniformijiet ordnati, it-Tribunal ra illi l-kuntratt li (kien) jirregola l-inter-relazzjoni bejn il-partijiet jistipula fih innifsu x'ghandha tkun il-konsegwenza ghal tali nuqqas, u din il-konsegwenza m'hijiex in-nuqqas ta' pagament ghall-uniformijiet konsenjati. Skond il-klawsola §1.34 tieghu, hemm previst hekk: "*If the Contractor fails under his own responsibility to deliver any or all of the goods or fails to perform the services within the time limit(s) specified in the contract, the Contracting Authority shall, without formal notice and without prejudice to its remedies under the contract, be entitled, to liquidated damages equal to 5/1000 of the value of the undelivered supplies, up to a maximum of 15% of the total value of the contract, for every day, which shall elapse between the expiry of the contractual period and the actual date of completion"* (*a fol.* 39). L-istess kuntratt jistipula wkoll fil-klawsola §9 illi s-socjetà konvenuta kellha d-dritt li tikkancela *in toto* jew *in partem* il-kuntratt, "*if the same is not completed in all respects in accordance with the instructions and specifications stated in this Contract and the documents attached thereto.*"

Ghalhekk, l-eccezzjoni relattiva tal-konvenuta li tirrezisti l-pagament fuq il-bazi tad-dewmien fil-konsenja ta' l-uniformijiet ma tistax tirnexxi. Dan peress illi r-

rimedji moghtija lilha skond il-kuntratt ghal dewmien fil-konsenja huma jew (i) l-imposizzjoni ta' penali kontra s-socjetà attrici;[17] jew (ii) it-terminazzjoni, totali jew parzjali, tal-kuntratt. L-ebda wahda minn dawn l-alternattivi ma giet moghtija bhala eccezzjoni specifika mis-socjetà konvenuta. Dan apparti illi, galadarba hi accettat dawn l-uniformijiet minkejja l-konsenja tardiva, il-konvenuta ma tistax imbaghad tippretendi li ma thallasx ghall-merkanzija lilha supplita ghaliex giet konsenjata tard.

Fir-rigward ta' l-eccezzjoni li titkellem dwar il-kwalità ta' l-uniformijiet, jirrizulta oggettivament illi numru minn dawn l-uniformijiet ma kienx ta' qies tajjeb ghall-impjegat li ghalih kienu intizi,[18] minkejja l-fatt li s-socjeta attrici kienet hadet il-qies ta' dawn l-impjegati u intrabtet li tforni uniformijiet maghmula ghall-qies ta' kull impjegat specifikat mis-socjeta konvenuta. Kien dmir implicitu – u certament ma kien hemm l-ebda htiega li jigi spellut car u tond fil-kuntratt – illi dmir l-attrici kien li tippresta servizz idoneju u tajjeb, ossia li tforni abbiljament ta' kwalità xierqa u l-fotografiji ezibiti in atti huma turija oggettiva u indiskussa kif f'dan ir-rigward certu uniformijiet huma *assai* mankanti.

Però, jirrizulta wkoll li s-socjetà konvenuta qatt ma tat lill-attrici taghmel alterazzjonijiet f'dawn l-uniformijiet. Dan minkejja l-fatt illi skond l-imsemmi kuntratt tat-2 ta' Frar, 2016 l-attrici kienet qed tigi ingaggata mill-konvenuta wkoll biex tirrimedja difetti fl-uniformijiet suppliti u dan kif jidher mis-segwenti bran: "*The Contracting Authority hereby confirms that it has accepted a Quotation Offier, which was submitted by the Contractor on the 10th July 2015 for the provision of the supplies and **<u>the remedying of any defects resulting therein</u>***…" (*a fol.* 20) [enfazi tat-Tribunal].

It-Tribunal jinnota inoltre li skond l-istess kuntratt, il-prezz ta' €3,141.30c[19] jinkludi "*taxes, **<u>alterations</u>**, delivery and all other charges as applicable*" (*a fol.* 22) [enfazi tat-Tribunal]. Ghalhekk, huwa car li l-partijiet kienu digà prevedew il-possibilità li jkun hemm il-htiega li jsiru modifiki u/jew alterazzjonijiet fl-uniformijiet mehjuta mill-attrici, u nkludew il-valur ta' dawn l-alterazzjonijiet fil-kuntratt ta' bejniethom.

---

[17] Il-konvenuta f'dan il-kaz ma ressqitx eccezzjoni ta' tpacija, jew talba rikonvenzjonali u lanqas talba distinta *ad hoc* dwar il-kwistjoni tal-penali li tallega hi a beneficcju taghha skond il-kuntratt. Ghal dak li jiswa, wiehed huwa mistieden jara l-kummenti relattivi ta' dan it-Tribunal fis-sentenza *in re* **Dottor Jean Karl Soler v. Ministru ghas-Sahha** (ref. nru. 119/2018) moghtija lum stess bla htiega li jigu hawnhekk ripetuti.
[18] *vide* r-ritrattati a *foll.* 60–78.
[19] Ghalkemm, ghal xi raguni li ma gietx spjegata, l-attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €3,421.76c f'dawn il-proceduri.

Kif diga' rimarkat, irrizulta mill-provi illi s-socjetà attrici kienet talbet lil dik konvenuta sabiex tibghat lil dawk l-impjegati taghha li kellhom bzonn xi alterazzjonijiet fl-uniformi fil-fabbrika ta' l-attrici sabiex isehhu l-alterazzjonijiet mehtiega.[20] Dan filfatt ma giex kontestat mis-socjetà konvenuta. Kienet ghazla libera tal-konvenuta li ma tibghatx lill-impjegati taghha sabiex isiru l-alterazzjonijiet necessarji fl-uniformijiet, u ghalhekk f'dan ir-rigward ma tistax timputa htija lejn l-attrici galadarba minn naha taghha l-istess attrici ma kinitx irrifjutat li taghmel l-alterazzjonijiet jew ir-rettifiki necessarji.

Madanakollu, kunsidrat il-fatt li l-adempiment ta' l-attrici ma kienx ezattament konkordi ma' l-obbligi kuntrattwali taghha (kif wiehed kien jistenna), wiehed certament ma jistax jistenna li l-istess attrici tippretendi, jew addirittura tezigi, l-adempiment tempestiv u perfett min-naha tal-parti konvenuta ghal dak li jirrigwarda hlas. Ix-xenarju fattwali tal-prezenti kontiza juri kif entrambi l-partijiet kellhom in-nuqqasijiet rispettivi taghhom – fuq naha ghandek parti li qed tistenna prodott idoneju u fil-hin, izda tircivieh tardivament u b'xi mankanzi fih (i.e., il-parti konvenuta), filwaqt li fuq in-naha l-ohra ghandek parti li wettqet prestazzjoni u provdiet servizz illi tieghu – ghalkemm mhux totalment perfett – tistenna li tigi rimborsata.[21]

Ghalhekk, kunsidrat kollox, u in forza ta' dik il-gustizzja ekwitattiva rivestita f'dan it-Tribunal, l-istess jemmen li t-talba attrici m'ghandhiex tigi akkolta fl-ammont mitlub. Kif gjà puntwalizzat, ic-cifra ta' €3,141.30c kienet tikkontempla l-kumpens ghal prestazzjoni ta' servizz komplet u shih da parti ta' l-attrici versu l-konvenuta, u kien jinkludi hlas ghall-alterazzjonijiet li ma setghux isiru peress li s-socjetà konvenuta naqset milli tibghat lill-impjegati koncernati ghand is-socjetà attrici kif fuq imfisser. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ikun ferm ingust li xi hadd – anke jekk teknikament wera xi nuqqasijiet – jigi kundannat ghall-adempiment shih meta l-parti l-ohra wriet li hija wkoll kienet kolpevoli ta' certi nuqqasijiet u erruri li ma jistghux jissejhu negligibbli.[22]

Ghalhekk, fid-diskrezzjoni ekwittativa ta' dan it-Tribunal u fuq bazi *arbitrio boni viri*, jinhass gust illi s-socjetà attrici ghandha tircievi s-somma ta' elfejn ewro (€2,000.00c) ghas-servizzi taghha, li maghhom ghandha tizdied it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud biex b'hekk l-ammont komplessiv ikun ta' elfejn, tlett mija u sittin ewro (€2,360.00c).

---

[20] *vide* l-ittra mibghuta mill-attrici datata 1 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 51).
[21] F'dan ir-rigward issir referenza ghall-osservazzjonijiet pertinenti misjuba fis-sentenza ta' dan it-Tribunal *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et** (Tribunal ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Ottubru, 2018).
[22] L-istess ragunament u l-identiku hsieb gie addottat fid-decizjoni *in re* **Isaac Aquilina v. Carmen Zammit** (ref. nru. 572/2018) li qed tigi pronunzjata lum ukoll minn dan it-Tribunal.

**Ghaldaqstant**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenuta, jichad ukoll il-bqija ta' l-eccezzjonijiet taghha, u qed jilqa' it-talbiet tas-socjetà attrici, izda limitatament ghas-somma globali ta' elfejn, tlett mija u sittin ewro (€2,360.00c), li fiha tinkludi t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (i.e, €360.00c). Konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici l-ammont komplessiv ta' elfejn, tlett mija u sittin ewro (€2,360.00c), bl-imghax annwu bir-rata ta' 8% dekorribbli solament fuq l-ammont ta' €2,000.00c (u mhux €2,360.00c[23]) mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri – minhabba n-natura tal-kaz, l-fatt li l-pretiza attrici ma gietx akkolta fl-ammont originarjament propost u wkoll b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, ossia li kull parti ghandha tissaporti l-ispjjez proprji.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*

[23] Peress li ma jistghux jghaddu imghaxijiet fuq l-ammont ta' import fiskali ta' €360 stante li huma bhala VAT.